MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2013

Numru. 981/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Roderick Zammit)**

**vs.**

**Kenneth Bonello**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat **Kenneth Bonello**, iben George u Marie Louise neé Anastasi, imwieled Pieta’ nhar il-15 ta’ Marzu 1974, detentur tal-Karta tal-Identita bin-Numru 167674(M) u residenti 78, Girgentina, Triq il-Mejilla, Qormi, akkuzat talli:

1. nhar is-16 ta’ Awwissu 2012, gewwa Triq l-Isqof Scicluna, Hal-Qormi ghall-habta ta’ 19:00hrs (sebgha ta’ filghaxija) u fil-hinijiet ta’ qabel volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cioé ghamel hsara fil-vettura li ghandha numru

ta' registrazzjoni GAO 015, proprjeta ta' Antoine Seychell (I.D. 410580(M)), liema hsara hija ta' aktar minn mija u sittax il-ewro u sebgha u erbghin centezmu (€ 116.47) u li ma teccedix l-elf, mija, erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (€ 1164.69) ghad-dannu tal-istess Antoine Seychell;

2. irrenda ruhu ricediv *ai termini* tal-Artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li nstab hati b'sentenza tal-Qrati ta' Malta liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (Dok. "RZZ 4" – *a fol.* 11).

Rat li, meta sar l-ezami tal-imputat, l-imputat ta l-kunsens tieghu biex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet lill-uhud mix-xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Rat dokument "X" ezebiet fis-seduta tallum, fejn il-parti leza rrinunzja ghal dak li huwa rinunzjabbli fil-konfront tal-imputat u ghazel li ma jixhidx rigward il-mertu tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat.

Semghet lill-Prosekuzzjoni u lill-parti leza jiddikjaraw li ma kellhom aktar provi xi jressqu.

Rat li l-imputat ghazel li ma jixhidx u li ma ressaq ebda provi.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, fuq nuqqas ta' provi, tillibera lill-imputat mill-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------